# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 66

8 ta' Ġunju 2023

Is-sitta u sittin (66) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 66.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

66.1.1. Is-Sindku VB ressaq ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsilliera SSH li nformat li ma setgħetx tattendi minħabba raġunijiet mediċi. Il-Kunsill laqa' t-talba u awguralha fejqan ta' malajr.

### 66.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

66.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tas-sitta u sittin (66) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

66.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Viċi Sindku AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (JAE, AD, VB, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

66.2.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 65.2.3 u staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE qal li l-Kunsill kien bagħat lil Infrastructure Malta iżda kien għadu ma ngħatax tweġiba.

66.2.3.1. Is-Sindku staqsa jekk ix-xogħol setax isir mil-Kunsill. Is-SE qal li meta tkun manutenzjoni żgħira ma tkunx problema li ssir mil-ħaddiema tal-Kunsill però din id-darba ma setax isir hekk.

66.2.3.2. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat tfakkira sabiex din is-sitwazzjoni titranġa.

66.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 65.2.4 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici rigward il-Fosos, u jekk kienx hemm xi risposta rigward il-fanali ornamentali. Is-SE nforma li ma kienx hemm risposta.

66.2.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal dak li ġara xi ftit tal-ġranet qabel. Is-Sindku ta spjega ta' x'kien ġara inkluż li l-Kunsill kien oġġezzjona iżda l-fanal kien tneħħa xorta waħda. Huwa qal li l-Kunsill oġġezzjona anke għall-mod ta' kif kien ġie mormi l-fanal.

66.2.4.2. Is-Sindku qal li l-fanali ornamentali l-oħrajn kienu tneħħew u issa jidher li ħadd ma kien jaf fejnhom. Huwa qal li kien hemm ħsieb li dawn setgħu ikunu għand l-Enemalta biss il-Viċi Sindku AD ikkonferma li ma kienux jinstabu għandhom.

**Nota: 17:08 Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat.**

66.2.4.3. Is-Sindku qal li in viżta ta' dan kollu, hu jinsisti li meta l-fanali ornamentali ikunu se jinqalgħu għal xi raġuni jew oħra, għandu dejjem ikun hemm rappreżentant tal-Kunsill fuq il-post dakinhar li jinqalgħu u li għandha tintalab firma ta' min ikun qed jaqlagħhom kif ukoll informazzjoni fejn ser ikunu qed jintrefgħu u dan biex jiġi evitat li l-istorja terġa' tirrepeti ruħha.

**Nota: 17:10 Il-Kunsillier JAE reġa' rritorna għal-laqgħa.**

66.2.4.4. Is-Sindku VB qal li kien hemm bżonn li jkun hemm entità li tieħu ħsieb ġaladarba l-Fosos ma kienux proprjetà tal-Kunsill.

66.2.4.5. Is-SE qal li l-Fosos lanqas biss kien imniżżel fil-lista tal-monumenti nazzjonali.

66.2.4.6. Il-Viċi Sindku AD staqsa x'jiġri allura meta jkun hemm attività li tittella' fuq il-Fosos. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill huwa responsabbli biss għall-ħruġ tal-permess għall-attività, tali permess jammonta għal €11.65 għal dakinhar tal-attività biss u għalhekk il-Kunsill ma jkun qed idaħħal xejn oltre. Il-Kunsill jitlob ukoll spejjeż tal-armar meta dawn jitpoġġew fuq il-bankina jew fit-triq.

66.2.4.7. Il-Kunsillier JAE qal li huwa importanti li r-responsabbiltà tingħata lil xi entità li jkollha r-riżorsi meħtieġa. Huwa qal li l-Fosos huwa wirt nazzjonali u għalhekk ħaqqu li jiġu allokati riżorsi xierqa biex dan ikun miżmum kif xieraq u protett.

66.2.4.8. Il-Kunsillier JAE qal li huwa importanti li l-Kunsill jibqa' jinsisti. Huwa żied jgħid li f'dan is-Sajf biss ser jittellgħu tmien attivitajiet fuq il-Fosos u għalhekk huwa importanti li jkun hemm xi ħadd responsabbli. Huwa qal li fil-preżent, il-konsegwenzi ibatihom il-Kunsill għaliex m'hemm ħadd li ġie mogħti din ir-responsabbiltà.

66.2.4.9. Il-Viċi Sindku AD qal li hemm riperkussjonijiet oħra u ta eżempju ta' kif tpoġġa l-arblu li nqala' mingħajr permess. Huwa staqsa ta' min tkun ir-responsabbiltà jekk xi ħadd kellu jweġġa' speċjalment ġaladarba dan l-arblu tneħħa minn post li mhux responsabbiltà tal-Kunsill iżda tpoġġa f'post li jaqa taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

66.2.4.10. Is-SE qal li ħafna mill-organizzaturi jikkooperaw mal-Kunsill u jiġu jiltaqgħu mal-Kunsill sabiex kollox jimxi sew. Huwa qal li din id-darba ġara hekk sempliċiment għax il-Kunsill oġġezzjona u ddeċidew li jmorru kontra d-deċiżjoni tal-Kunsill. Huwa kompla billi qal li fil-kundizzjonijiet li joħroġ il-Kunsill dejjem ikun hemm stipulat li l-applikant irid jaderixxi mal-kundizzjonijiet tal-permess u li jrid jinġieb permess mill-entitajiet konċernati kif ukoll li jaderixxu għall-kundizzjonijiet li jagħmlulhom entitajiet bħall-Pulizija, eċċ.

66.2.4.11. Il-Kunsillier JAE qal li l-Kunsill qed jagħmel sforz kbir minkejja li r-responsabbiltà mhijiex tiegħu iżda mhux qed jiġi stmat. Huwa qal li jippretendi li l-Fosos jiġi stmat billi jsir ix-xogħol meħtieġ. Huwa kompla billi qal li hemm bżonn li anke jsir risk assessment xieraq għax jekk jinqala' xi inċident, jistgħu iweġġgħu diversi persuni. Il-Kunsillier JAE qal li apparti dan jista' jagħti l-każ li qed issir ħsara li mhux tidher.

66.2.4.12. Is-SE qal li jekk il-Fosos ikunu devoluti lill-Kunsill, il-Kunsill ikun jista' jimponi ċertu regolamenti u kundizzjonijiet bħal preżenza ta' rappreżentant tal-Kunsill fuq il-post waqt li qed isir armar u żarmar, eċċ.

66.2.4.13. Is-Sindku qal li jekk il-fanali ser jinqalgħu, il-Kunsill xorta għandu jinsisti li jkun hemm rappreżentant tal-Kunsill u li jkun hemm firma ta' min qalagħhom kif ukoll jiġi indikat fejn sejrin u fejn ser jiġu miżmumin.

66.2.4.14. Il-Kunsill qabel li għandu jwieġeb b'dan il-mod kif ukoll li din għandha ssir prassi mal-organizzaturi kollha ta' kull attività li tinżamm fuq il-Fosos. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jibqa' jinsisti mal-ministeru sabiex ikun hemm entità responsabbli mill-Fosos u għalhekk qabel li għandha tintbagħat tfakkira.

66.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 65.2.5 rigward il-kamera tas-sigurtà ta' Bieb il-Bombi u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-SE wieġeb li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat tfakkira.

66.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 65.2.7 rigward it-tabelli tal-Waterfront u staqsa jekk dawn kienux ġew ordnati. Is-SE wieġeb li t-tabelli kienu waslu u għandhom jitwaħħlu dalwaqt.

66.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 65.2.8 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta rigward id dokumenti li ntbagħtu rigward ir-Riġenerazzjoni tal-Floriana. Is-SE qal li kien bagħat tfakkira iżda sa dakinhar kien għadu ma rċieva xejn.

## 66.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fejn informaw li kienu laqgħu l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt l-iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023 / 2024 u li tali applikazzjoni tikkwalifika għal €20,000.

66.3.1.1. Il-Kunsillier JAE qal li jkun għaqli li l-Kunsill jinvesti f'iktar reklamar sabiex jattira iktar nies.

66.3.1.2. Is-SE qal li parti mill-fondi allokati kienu jikkonsistu f'reklamar.

66.3.1.3. Il-Kunsillier JAE ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-għaqdiet tal-lokal u jingħata xahar ċans.

66.3.1.4. Il-Kunsill iddiskuta wkoll ix-xogħol li qed isir fuq il-funtana tal-Iljun fejn is-Sindku nforma li kienu ħarġu s-sejħiet għall-offerti biex jibda' dan ix-xogħol. Il-Kunsill ittama li x-xogħol ikun lest s'Ottubru sabiex il-funtana tkun tista' titgawda anke matul l-edizzjoni li jmiss ta' Ġenna ta' Ġonna.

66.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Bank Malti għall-Iżvilupp li talbu spazju ta' parkeġġ riservat quddiem il-bini tagħhom. Il-Kunsill ma laqax it-talba.

66.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand kumpanija li talbu permess sabiex titpoġġa skip permanenti fi Triq l-Argotti. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa magħhom.

66.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Assoċjazzjoni EspRimi li talbu li jiltaqgħu mal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jiltaqa' magħhom.

66.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Port fejn offrew lill-Kunsill l-opportunità li jipparteċipa fi skema ta' attivitajiet konġunta bejn il-kunsilli lokali. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu u li għandu jipproponi ż-żona tal-health centre sabiex titqies għall-attività tal-Clean up Day.

66.3.6. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand FITA li offrew li jagħtu korsijiet b'xejn lil nies li għandhom 'il fuq minn 59 sena. Il-Kunsill laqa' l-offerta u qabel li għandu jippromwovi dawn il-korsijiet.

66.3.7. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-SPCA fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jagħlqu iż-żona ta' warajhom sabiex tintuża għall-eżerċizzju tal-klieb, u li tali żona jibdew jieħdu ħsieb iż-żamma tagħha huma. Il-Kunsill laqa' t-talba.

66.3.8. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Frank Salt fejn talbu li jistallaw street barriers fil-lokalità. Is-SE qal li l-barriers li kien hemm qabel kienu tneħħew minn Transport Malta u għalkemm il-Kunsill għandu bye-law li tirregola dawn il-barriers, xorta waħda jrid ikun hemm il-permess tal-awtorità konċernata. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu l-ewwel jintalab permess minn Transport Malta.

66.3.9. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Tec Malta li talbu permess sabiex jitneħħew il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos fl-okkażjoni tal-kunċert ta' Andre Rieu. Il-Kunsill qabel li bħalma ddiskuta iktar kmieni matul din il-laqgħa, jekk jinqalgħu xi fanali ornamentali, it-tneħħija għandha ssir fil-preżenza ta' rappreżentant tal-Kunsill u tintalab firma ta' persuna responsabbli kif ukoll informazzjoni ta' fejn ser ikunu qed jinżammu l-fanali.

66.3.10. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Project Green li nformaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni ma kinitx ġiet magħżula. Il-Kunsill innota dan.

## 66.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

66.4.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel talba lill-organizzaturi tal-attivitajiet li jmiss sabiex jagħtu kontribut lura lil-lokalità.

66.4.1.1. Is-Sindku qal li l-MTA diġà tagħti kontribuzzjoni għall-attivitajiet li torganizza fil-lokalità.

66.4.1.2. Is-SE nforma li l-organizzaturi diġà jintalbu jħallsu tal-istrutturi li jarmaw, li jammonta għal kontribut sostanzjali.

66.4.1.3. Il-Kunsillier JAE qal li dawn il-kontribuzzjonijiet kienu importanti minħabba li dawn ifissru investiment fil-lokalità kif ukoll kumpens għall-inkonvenjenza li tinħoloq għar-resident.

66.4.1.4. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar liema żoni kienu ser jingħalqu u jekk hux qed jiġi kunsidrat li jiġi offrut parkeġġ bla ħlas lir-residenti. Is-Sindku qal li fis-snin li għaddew jidher li l-biljetti li ngħataw għall-parkeġġ fl-MCP, ma kienux intużaw ħafna. Il-Kunsillier JAE ppropona li r-residenti jiġi nfurmati kmieni ħalli jkunu nfurmati b'din l-opportunità.

66.4.1.5. Is-Sindku qal li riċentement kien hemm laqgħa mal-istakeholders fejn informaw li kollox ser jimxi bħas-sena l-oħra.

66.4.1.6. Il-Kunsillier JAE talab li tintbagħat korrispondenza lir-residenti sabiex ikunu nfurmati u li għandhom iżommu l-karta tal-identità fuqhom għal matul dik il-ġimgħa biex ma jkunx hemm problemi bħalma ġieli kien hemm fejn residenti ma tħallewx jidħlu.

66.4.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal Triq Oliver Friggieri u staqsa jekk din tistax issir one way jew jitneħħa l-parkeġġ eżistenti. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk jistax jinbidel it-Traffic Management Plan anke biex ma jiġux affettwati t-toroq tal-madwar.

66.4.3. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk kienx hemm risposta fuq is-CCTV cameras. Is-SE qal li sa dakinhar kien għadu ma sema' xejn mill-ERA. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat tfakkira.

66.4.3.1. Is-Sindku VB ġibed l-attenzjoni li ser jingħataw xi fondi lill-Kunsill li possibbilment ikunu jistgħu jintużaw fuq il-kameras.

66.4.3.2. Is-SE qal li idealment il-Kunsill ikun jaf fejn ser japprovaw u jistallaw il-kameras l-ERA u dan sabiex ma jintefqux flus għalxejn.

66.4.4. Il-Kunsilliera JP ġibdet l-attenzjoni li kienu nstabu xi siringi fil-bandli u talbet li l-Kunsill jitlob lill-Pulizija sabiex isiru iktar rondi issa li dieħel is-Sajf u jibda' jiżdied l-abbuż. Il-Kunsillier JAE ppropona li jsir rapport mill-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jkellem lill-Pulizija dwar dan il-każ u l-filmat li xxandar. Is-SE qal li meta jkun hemm każijiet simili huwa importanti li jittieħdu ritratti jew filmati sabiex ikunu t'għajnuna għall-Pulizija.

66.4.5. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għal rimi ta’ skart fi Triq il-Miratur. Is-SE qal li r-ritratti li juru l-persuna għandu jintbagħat lill-Kunsill sabiex iservi ta’ evidenza u tkun tista’ tittieħed azzjoni immedjata. Il-Kunsilliera JP innotat dan.

66.4.5.1. Il-Kunsilliera JP staqsiet jekk tistax titwaħħal tabella tal-iskart f’din it-triq. Is-SE qal li t-tabelli għandhom jiġu aġġornati peress li nbidel is-servizz tal-ġbir ta’ skart.

## 66.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sottokumitati

66.5.1. Is-Sindku għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet mar-Reġjun Port u nforma li l-kunsilli kienu ser jingħataw xi fondi.

## 66.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

66.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 49/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

66.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill- Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta’ kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

66.6.2. Is-SE informa li dakinhar kien irċieva kont mingħand Stefan Degabriele u talab il-permess tal-Kunsill sabiex dan jinħareġ qabel l-iskeda li jmiss. Il-Kunsill approva.

## 66.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju Awditjat 2020

66.7.1. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju Awditjat tas-sena 2020.

66.7.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni ta’ dan ir-rapport finanzjarju, bir-riżultat ikun wieħed unanimu.

## 66.8 Approvazzjoni tar-Rapport ta’ evalwazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni KG5

66.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma lill-Kunsill li xi snin qabel il-Kunsill kien ingħata xi fondi biex issir sistema ta’ irrigazzjoni. Huwa qal li minkejja dan is-sistema t’irrigazzjoni qatt ma kienet saret.

66.8.2. Għalhekk riċentement kienet inħarġet sejħa għall-offerti sabiex din is-sistema tiġi installata. Is-Sindku qal li kien hemm erbgħa offerenti.

66.8.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu japprova l-orħos offerta hekk kif rakkomandat mill-Bord tal-Evalwazzjoni.

## 66.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

66.9.1. Il-laqgħa intemmet fis-18:50pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 12 ta' Lulju 2023 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum l-Erbgħa 12 ta' Lulju 2023**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv